Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/2609

8.10.2024

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2609

tas-7 ta' Ottubru 2024

li jemenda l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-livelli massimi ta' residwi għan-napropammid, għall-piridaben u għat-tebufenpirad f'ċerti prodotti jew fuqhom

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Frar 2005 dwar il-livelli massimi ta' residwu ta' pestiċidi fi jew fuq ikel u għalf li joriġina minn pjanti u annimali u jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(1), il-punt (a) u l-Artikolu 49(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-livelli massimi ta' residwi ("MRLs") għan-napropammid ([2]), għall-piridaben ([3]) u għat-tebufenpirad ([4]) ġew stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(2) Matul ir-rieżami ta' dawk l-MRLs f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") identifikat xi informazzjoni bħala mhux disponibbli għal ċerti prodotti. L-informazzjoni disponibbli kienet biżżejjed biex l-Awtorità tipproponi MRLs li huma sikuri għall-konsumaturi. Fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ġew indikati lakuni fid-*data* dwar id-data sa meta l-applikant kellu jibgħat lill-Awtorità l-informazzjoni nieqsa b'appoġġ għall-MRLs proposti.

(3) Għan-napropammid fil-frott taċ-ċitru, fil-frawli u fil-frott tal-kannamiela jew fuqhom, l-applikant issottoemtta l-informazzjoni nieqsa dwar l-istabbiltà tal-ħżin tiegħu. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* indikata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ġiet indirizzata biżżejjed ([5]). Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jinżammu l-MRLs eżistenti u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(4) Għan-napropammid fil-mirtilli, fil-cranberries, fil-passolina (sewda, ħamra u bajda), fir-ribes (ħodor, ħomor u sofor), fil-Warda Skoċċiża u fil-Frott tas-sebuqa jew fuqhom, l-applikant issottometta l-informazzjoni nieqsa dwar l-istabbiltà tal-ħżin. Madankollu, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel għal dawk il-prodotti. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* identifikata qabel dwar il-metaboliżmu tal-għelejjel ma ġietx indirizzata u rrakkomandat li l-maniġers tar-riskju jikkunsidraw li jbaxxu l-MRLs f'dawk il-prodotti jew fuqhom sal-limitu ta' determinazzjoni ("LOD"). Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għan-napropammid għal-LOD speċifiku għall-prodott u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([1]) ĠU L 70, 16.3.2005, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2005/396/oj.

([2]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2020/770 tat-8 ta' Ġunju 2020 li jemenda l-Annessi II u III tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwu għall-miklobutanil, għan-napropammid u għas-sintofen f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 184, 12.6.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/770/oj).

([3]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2019/90 tat-18 ta' Jannar 2019 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-livelli massimi ta' residwi għall-bromukonażol, għall-karbossinu, għall-ossidu tal-fenbutatin, għall-fenpirażammina u għall-piridaben f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 22, 24.1.2019, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/90/oj).

([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/693 tas-7 ta' April 2017 li jemenda l-Annessi II, III u V tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi għal bitertanol, klormekwat u tebufenpirad f'ċerti prodotti jew fuqhom (ĠU L 101, 13.4.2017, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/693/oj).

([5]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, "Evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review for napropamide" (*EFSA Journal*, 2023;21(7):8125).

(5) Għan-napropammid fil-ħxejjex aromatiċi u fil-fjuri li jittieklu jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* identifikata qabel ma ġietx indirizzata u rrakkomandat li l-maniġers tar-riskju jikkunsidraw li jbaxxu l-MRLs f'dawk il-prodotti jew fuqhom sal-LOD. Għalhekk, għal dawn il-prodotti, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għan-napropammid għal-LOD speċifiku għall-prodott u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(6) Għan-naproprammid fl-infużjonijiet erbali mill-fjuri, mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi, mill-għeruq, fl-infużjonijiet erbali minn kwalunkwe parti oħra tal-pjanti, u fil-ħwawar tal-frott jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-metodu analitiku għall-matriċijiet li diffiċli jiġu analizzati. L-Awtorità kkonkludiet li għalkemm dik il-lakuna fid-*data* ma ġietx indirizzata, l-MRLs għal dawk il-prodotti jenħtieġ li jinżammu peress li diġà jinsabu fl-LOD. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jinżammu l-MRLs għan-napropammid fl-LOD u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(7) Għall-piridaben fit-tuffieħ, fil-lanġas, fl-isfarġel, fin-naspli, fil-loquat/naspli tal-ġappun, u fil-frott taż-żerriegħa ieħor jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi. Madankollu, id-*data* l-ġdida dwar ir-residwi dwar il-lanġas u t-tuffieħ ġiet sottomessa b'appoġġ għal Prattiki Agrikoli Tajbin alternattivi għal grupp ta' frott taż-żerriegħa. L-Awtorità kkonkludiet li l-provi tar-residwi pprovduti huma biżżejjed ([6]) biex jinkiseb MRL aktar baxx għall-grupp kollu ta' frott taż-żerriegħa. Għalhekk, għall-frott taż-żerriegħa, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti għal-livell propost mill-Awtorità u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(8) Għall-piridaben fil-berquq, fil-ħawħ u fil-fażola (bl-imżiewed) jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* identifikata qabel ma ġietx indirizzata u rrakkomandat li l-maniġers tar-riskju jikkunsidraw li jbaxxu l-MRLs għal dawk il-prodotti sal-LOD. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għall-piridaben għal-LOD speċifiku għall-prodott u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(9) Għall-piridaben fil-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), fin-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), fil-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), fl-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi) u fil-ħalib (baqar, nagħaġ, mogħoż, żwiemel) jew fuqhom, l-applikant issottometta l-informazzjoni nieqsa dwar l-istabbiltà tal-ħżin, l-istudji dwar l-għalf u l-metodi analitiċi. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* indikata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ġiet indirizzata biżżejjed. Għalhekk, għall-ħalib (baqar, nagħaġ, mogħoż, żwiemel) jixraq li jinżammu l-MRLs li diġà jinsabu fl-LOD u peress li issa jista' jinkiseb LOD aktar baxx ta' 0,01 mg/kg bl-użu tal-metodu analitiku pprovdut mill-applikant għall-bovini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għan-nagħaġ (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-mogħoż (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), għall-ekwini (muskoli, xaħam, fwied, kliewi), jixraq li l-LOD attwali ta' 0,05 mg/kg għal dawk il-prodotti jitbaxxa għal-LOD ta' 0,01 mg/kg, jiġi stabbilit dak l-LOD u jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(10) Għat-tebufenpirad fil-berquq, fil-ħawħ, fit-tut u fiċ-ċawsli iswed, l-applikant issottometta l-informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi u l-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* indikata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 kienet indirizzata biżżejjed ([7]). Abbażi tal-provi tar-residwi pprovduti, l-Awtorità pproponiet li jitbaxxew l-MRLs eżistenti għall-berquq u l-ħawħ u li jinżammu l-MRLs għat-tut u għaċ-ċawsli iswed. Għalhekk, għall-berquq u għall-ħawħ, jixraq li l-MRLs jiġu stabbiliti għal-livell propost mill-Awtorità u li jinżammu l-MRLs għat-tut u għaċ-ċawsli iswed u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

([6]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, "Evaluation of confirmatory data following Article 12 MRL review and modification of the existing MRLs in pome fruits for pyridaben" (*EFSA Journal*, 2023;21(4):7970).

([7]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, "Evaluation of confirmatory data following the Article 12 MRL review for tebufenpyrad" (*EFSA Journal* 2023;21(2):7774).

(11) Għat-tebufenpirad fil-fażola (bl-imżiewed) u fil-ħops jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar il-provi tar-residwi għall-fażola (bl-imżiewed) u dwar il-metodi analitiċi għall-ħops. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* identifikata qabel ma ġietx indirizzata u rrakkomandat li l-maniġers tar-riskju jikkunsidraw li jbaxxu l-MRLs għal dawk il-prodotti sal-LOD. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jiġu stabbiliti l-MRLs għat-tebufenpirad għal-LOD speċifiku għall-prodott u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(12) Għat-tebufenpirad fil-prodotti li joriġinaw mill-annimali jew fuqhom, ħlief l-għasel u prodotti oħra tal-apikultura, l-applikant issottometta l-informazzjoni nieqsa. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* indikata fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 ġiet indirizzata biżżejjed. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jinżammu l-MRLs eżistenti għat-tebufenpirad u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(13) Għat-tebufenpirad fl-għasel u fi prodotti oħra tal-apikultura jew fuqhom, l-applikant ma ssottomettiex l-informazzjoni nieqsa dwar l-metodi analitiċi speċifiċi għall-għasel. L-Awtorità kkonkludiet li l-lakuna fid-*data* identifikata preċedentement ma ġiex indirizzata u rrakkomandat li jinżamm l-MRL attwali, li huwa fl-LOD. Għalhekk, għal dawk il-prodotti, jixraq li jinżamm l-MRL għat-tebufenpirad fl-LOD u li jitħassru n-noti f'qiegħ il-paġna rispettivi li jirrikjedu s-sottomissjoni ta' informazzjoni addizzjonali mill-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(14) Għat-tebufenpirad fl-għeneb tal-mejda jew fuqhom, l-Awtorità sabet li ma setax jiġi eskluż li d-doża akuta ta' referenza tinqabeż bl-MRL attwali. Għalhekk, il-maniġers tar-riskju pproponew li jiġi stabbilit MRL aktar baxx għall-għeneb tal-mejda, abbażi tal-Prattiki Agrikoli Tajbin ta' riżerva inqas kritiċi u sikuri ([8]). Għalhekk jixraq li jitbaxxa l-MRL eżistenti għat-tebufenpirad fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005.

(15) Il-Kummissjoni kkonsultat lil-laboratorji ta' referenza tal-Unjoni Ewropea dwar il-ħtieġa li ċerti LODs jiġu adattati. Dawk il-laboratorji kkonkludew li għal ċerti prodotti, l-iżviluppi tekniċi jippermettu li jiġu stabbiliti LODs aktar baxxi.

(16) Is-sħab kummerċjali tal-Unjoni ġew ikkonsultati dwar l-MRLs il-ġodda permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u l-kummenti tagħhom ġew meqjusa.

(17) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 396/2005 jiġi emendat skont dan.

(18) Sabiex ikun hemm lok għall-kummerċjalizzazzjoni, għall-ipproċessar u għall-konsum normali tal-prodotti, dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għall-prodotti li jkunu ġew introdotti fis-suq fl-Unjoni qabel ma bdew japplikaw l-MRLs il-ġodda u li għalihom inżamm livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur. Dan huwa l-każ għall-prodotti kollha ħlief għat-tebufenpirad fl-għeneb tal-mejda jew fuqhom.

(19) Jenħtieġ li jitħalla jgħaddi perjodu raġonevoli ta' żmien qabel ma jibdew japplikaw l-MRLs modifikati, sabiex l-Istati Membri, il-pajjiżi terzi u l-operaturi tan-negozji tal-ikel jingħataw biżżejjed żmien biex jadattaw ruħhom għar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-modifika tal-MRLs.

(20) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

([8]) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel, "Review of the existing maximum residue levels for tebufenpyrad according to Article 12 of Regulation (KE) Nru 396/2005" (*EFSA Journal* 2016;14(4):4469).

Artikolu 2

Ir-Regolament (KE) Nru 396/2005 kif kien qabel ma ġie emendat b'dan ir-Regolament għandu jibqa' japplika għall-prodotti kollha li jkunu ġew introdotti fis-suq tal-Unjoni qabel it-28 ta' April 2025 ħlief għat-tebufenpirad fl-għeneb tal-mejda jew fuqhom.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mit-28 ta' April 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Ottubru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 396/2005, il-kolonni għan-napropammid, għall-piridaben u għat-tebufenpirad huma sostitwiti b'dan li ġej:

"**Residwi tal-pestiċidi u livelli massimi ta' residwi (f'mg/kg)**

Numru tal-kodiċi	Gruppi u eżempji ta' prodotti individwali li għalihom japplikaw l-MRLs [a]	Napropammid (somma ta' isomeri)	Piridaben (F)	Tebufenpirad (F)
(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0100000	**FROTT, FRISK jew IFFRIŻAT; ĠEWŻ TAS-SIĠAR**	**0,01** (*)		
0110000	**Frott taċ-ċitru**			0,6
0110010	Grejpfrut		0,5	
0110020	Larinġ		0,3	
0110030	Lumi		0,3	
0110040	Xkomp		0,3	
0110050	Mandolin		0,3	
0110990	Oħrajn (2)		0,3	
0120000	**Ġewż tas-siġar**		0,05	0,01 (*)
0120010	Lewż			
0120020	Ġewż tal-Brażil			
0120030	Ġewż tal-anakardju			
0120040	Qastan			
0120050	Ġewż tal-Indi			
0120060	Ġellewż			
0120070	Macadamia			
0120080	Ġewż Amerikan			
0120090	Qlub tal-ġewż tal-arżnu			
0120100	Pistaċċi			
0120110	Ġewż			
0120990	Oħrajn (2)			
0130000	**Pomu**		**0,15**	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0130010	Tuffieħ			0,3
0130020	Langas			0,3
0130030	Sfarġel			0,8
0130040	Naspli			0,8
0130050	Naspli tal-Ġappun			0,8
0130990	Oħrajn (2)			0,01 (*)
0140000	**Frott tal-għadma**		**0,01** (*)	
0140010	Berquq			**0,3**
0140020	Ċiras (ħelu)			0,01 (*)
0140030	Ħawħ			**0,3**
0140040	Għanbaqar			0,2
0140990	Oħrajn (2)			0,01 (*)
0150000	**Kukku u frott żgħir ieħor**			
0151000	(a) **għeneb**		0,01 (*)	
0151010	Għeneb tal-mejda			**0,4**
0151020	Għeneb għall-inbid			0,6
0152000	(b) **frawli**		0,9	1
0153000	(c) **frott tal-kannamiela**		0,01 (*)	
0153010	Tut			0,05
0153020	Tut salvaġġ			0,05
0153030	Lampun (aħmar u isfar)			0,15
0153990	Oħrajn (2)			0,01 (*)
0154000	(d) **frott żgħir u kukku oħrajn**		0,01 (*)	1,5
0154010	Mirtill			
0154020	Cranberries			
0154030	Ribes (ħamra, sewda u bajda)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0154040	Ribes bix-xewk (ħodor, ħomor u sofor)			
0154050	Warda skoċċiża			
0154060	Ċawsli (iswed u abjad)			
0154070	Għanżalor/naspli tal-Mediterran			
0154080	Frott tas-sebuqa			
0154990	Oħrajn (2)			
0160000	**Frott ta' diversi tipi bl-affarijiet li ġejjin:**		0,01 (*)	0,01 (*)
0161000	(a) **b'qoxra li tittiekel**			
0161010	Tamal			
0161020	Tin			
0161030	Żebbuġ tal-mejda			
0161040	Lariġ tal-qsari			
0161050	Karambola			
0161060	Kaki			
0161070	Għanbaqar ta' Ġava			
0161990	Oħrajn (2)			
0162000	(b) **b'qoxra li ma tittikilx, u żgħir**			
0162010	Frott tal-Kiwi (aħdar, aħmar, isfar)			
0162020	Liċċi			
0162030	Frott tal-passjoni			
0162040	Bajtar tax-xewk			
0162050	Tuffieħ stilla			
0162060	Frott tal-kaki tal-Virġinja			
0162990	Oħrajn (2)			
0163000	(c) **b'qoxra li ma tittikilx, u kbir**			
0163010	Avokado			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0163020	Banana			
0163030	Mango			
0163040	Papaja			
0163050	Rummien			
0163060	Ċerimoja			
0163070	Gwava			
0163080	Ananas			
0163090	Frotta tas-siġra tal-ħobż			
0163100	Durian			
0163110	Il-frotta tal-annona			
0163990	Oħrajn (2)			
0200000	**ĦAXIX, FRISK JEW IFFRIŻAT**			
0210000	**Ħxejjex tal-għeruq u tat-tuberi**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0211000	(a) **patata**			
0212000	(b) **ħxejjex tropikali tal-għeruq u tat-tuberi**			
0212010	Għeruq tal-kassava			
0212020	Patata ħelwa			
0212030	Jammijiet			
0212040	Ararut			
0212990	Oħrajn (2)			
0213000	(c) **ħxejjex oħra tal-għeruq u tat-tuberi minbarra l-pitravi ħelwa**			
0213010	Pitravi			
0213020	Zunnarija			
0213030	Celeriac/Krafes bl-għeruq/krafes Ġermaniżi			
0213040	Għeruq tal-mustarda			
0213050	Artiċokks			

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2609/oj

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0213060	Zunnarija bajda			
0213070	Tursin ta' Hamburg			
0213080	Ravanell			
0213090	Leħjet il-bodbod			
0213100	Swedes			
0213110	Lift			
0213990	Oħrajn (2)			
0220000	**Ħxejjex tal-basla**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0220010	Tewm			
0220020	Basal			
0220030	Xalotti			
0220040	Basal tar-Rebbiegħa/basal aħdar u basal ta' Wales			
0220990	Oħrajn (2)			
0230000	**Ħxejjex tal-frott**	0,01 (*)		
0231000	(a) **Ħxejjex tal-frott tal-familja tas-*Solanaceae* u tal-familja tal-*Malvaceae***			
0231010	Tadam		0,15	0,8
0231020	Bżar ħelu		0,3	0,01 (*)
0231030	Brunġiel		0,15	0,8
0231040	Bamja		0,01 (*)	0,01 (*)
0231990	Oħrajn (2)		0,01 (*)	0,01 (*)
0232000	(b) **kukurbiti b'qoxra li tittiekel**		0,15	
0232010	Ħjar			0,3
0232020	Ħjar tal-pikles			0,5
0232030	Zukkini			0,3
0232990	Oħrajn (2)			0,01 (*)
0233000	(c) **kukurbiti b'qoxra li ma tittikilx**		0,01 (*)	

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0233010	Bettieħ			0,3
0233020	Qara' aħmar			0,01 (*)
0233030	Dulliegħ			0,3
0233990	Oħrajn (2)			0,01 (*)
0234000	(d) **qamħirrum ħelu**		0,01 (*)	0,01 (*)
0239000	(e) **ħxejjex tal-frott oħrajn**		0,01 (*)	0,01 (*)
0240000	**Ħxejjex tal-Brassika (minbarra l-għeruq tal-brassika u l-ħxejjex tal-brassika tal-weraq żgħir)**		0,01 (*)	0,01 (*)
0241000	(a) **Brassika li tagħmel il-fjuri**	0,01 (*)		
0241010	Brokkli			
0241020	Pastard			
0241990	Oħrajn (2)			
0242000	(b) **kaboċċi kkapoċċati**	0,01 (*)		
0242010	Kaboċċi ta' Brussell/kaboċċi taz-zokk			
0242020	Kaboċċa kkapoċċati			
0242990	Oħrajn (2)			
0243000	(c) **brassika bil-weraq**	0,05 (*)		
0243010	Kaboċċi Ċiniżi			
0243020	Kaboċċi ("kales")			
0243990	Oħrajn (2)			
0244000	(d) **ġdur**	0,05 (*)		
0250000	**Ħxejjex tal-weraq, ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**			
0251000	(a) **ħass u ħxejjex oħrajn tal-insalata**		0,01 (*)	0,01 (*)
0251010	Ħass tal-ħaruf/ Insalata tal-qamħ	0,05		
0251020	Ħass	0,01 (*)		
0251030	Skalora/indivja bil-weraq wesgħin	0,01 (*)		
0251040	Krexxuni u nebbieta u rimi oħrajn	0,01 (*)		

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0251050	Krexxuni tal-art	0,01 (*)		
0251060	Aruka	0,05		
0251070	Mustarda ħamra	0,05		
0251080	Ħxejjex tal-weraq żgħir (fosthom l-ispeċijiet tal-brassika)	0,05		
0251990	Oħrajn (2)	0,01 (*)		
0252000	(b) **spinaċi u weraq simili**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0252010	Spinaċi			
0252020	Burdlieq			
0252030	Weraq tas-selq			
0252990	Oħrajn (2)			
0253000	(c) **weraq tad-dwieli u speċijiet simili**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0254000	(d) **krexxuni**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0255000	(e) **ċikwejra**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0256000	(f) **ħxejjex aromatiċi u fjuri li jittieklu**	**0,02** (*)	0,02 (*)	0,02 (*)
0256010	Maxxita			
0256020	Kurrat selvaġġ			
0256030	Weraq tal-karfus			
0256040	Tursin			
0256050	Salvja			
0256060	Klin			
0256070	Timu			
0256080	Ħabaq u fjuri li jittieklu			
0256090	Weraq tar-rand			
0256100	Stregun			
0256990	Oħrajn (2)			
0260000	**Legumi**	0,01 (*)	**0,01** (*)	**0,01** (*)

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0260010	Fażola (bl-imżiewed)			
0260020	Fażola (bla mżiewed)			
0260030	Piżelli (bl-imżiewed)			
0260040	Piżelli (bla mżiewed)			
0260050	Għads			
0260990	Oħrajn (2)			
0270000	**Ħxejjex biz-zokk**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0270010	Spraġ			
0270020	Kardun			
0270030	Krafes			
0270040	Bużbież ta' Firenze			
0270050	Qaqoċċ			
0270060	Kurrat			
0270070	Rabarbru			
0270080	Rimi tal-pjanta tal-bambu			
0270090	Qlub tal-palm			
0270990	Oħrajn (2)			
0280000	**Faqqiegħ, ħażiż u likeni**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0280010	Faqqiegħ ikkultivat			
0280020	Faqqiegħ salvaġġ			
0280990	Ħażiż u likeni			
0290000	**Alka u organiżmi prokarjoti**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0300000	**BUS U ĦEMES**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0300010	Fażola			
0300020	Għads			
0300030	Piżelli			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0300040	Lupini/fażola tal-lupini			
0300990	Oħrajn (2)			
0400000	**ŻRIERAGĦ TAŻ-ŻEJT U FROTT TAŻ-ŻEJT**		0,01 (*)	
0401000	**Żrieragħ taż-żejt**			
0401010	Żerriegħa tal-kittien	0,02		0,01 (*)
0401020	Karawett	0,01 (*)		0,01 (*)
0401030	Żerriegħa tal-peprin	0,02		0,01 (*)
0401040	Ġulġlien	0,02		0,01 (*)
0401050	Żerriegħa tal-ġirasol	0,02		0,01 (*)
0401060	Żerriegħa tal-lift	0,02		0,01 (*)
0401070	Fażola tas-sojja	0,02		0,01 (*)
0401080	Żerriegħa tal-mustarda	0,02		0,01 (*)
0401090	Żerriegħa tal-qoton	0,02		0,05 (*)
0401100	Żerriegħa tal-qara' aħmar	0,02		0,01 (*)
0401110	Żrieragħ tal-għosfor	0,02		0,01 (*)
0401120	Żerriegħa tal-fiddloqom	0,02		0,01 (*)
0401130	Żerriegħa tal-*camelina sativa*	0,02		0,01 (*)
0401140	Qannebusa	0,02		0,01 (*)
0401150	Fażola tar-riġnu	0,02		0,01 (*)
0401990	Oħrajn (2)	0,01 (*)		0,01 (*)
0402000	**Frott taż-żejt**	0,01 (*)		0,01 (*)
0402010	Żebbuġ maħsub għall-produzzjoni taż-żejt			
0402020	Qlub tal-palm taż-żejt			
0402030	Il-frott tal-palm taż-żejt			
0402040	Kapok			
0402990	Oħrajn (2)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0500000	**ĊEREALI**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0500010	Xgħir			
0500020	Qamħ saraċin u ċereali foloz oħrajn			
0500030	Qamħirrum			
0500040	Millieġ komuni			
0500050	Ħafur			
0500060	Ross			
0500070	Segala			
0500080	Sorgu			
0500090	Qamħ			
0500990	Oħrajn (2)			
0600000	**TEJIET, KAFÈ, INFUŻJONIJIET ERBALI, KAWKAW U ĦARRUB**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0610000	**Tejiet**			
0620000	**Kafeni**			
0630000	**Infużjonijiet erbali mill-affarijiet li ġejjin:**			
0631000	(a) **mill-fjuri**			
0631010	Kamumella			
0631020	Ibisku			
0631030	Ward			
0631040	Ġiżimin			
0631050	Tilju			
0631990	Oħrajn (2)			
0632000	(b) **mill-weraq u mill-ħxejjex aromatiċi**			
0632010	Frawla			
0632020	Rooibos			
0632030	Matè/Te tal-Paragwaj			

ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2609/oj

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0632990	Oħrajn (2)			
0633000	(c) **mill-għeruq**			
0633010	Valerjana			
0633020	Ġinseng			
0633990	Oħrajn (2)			
0639000	(d) **minn kull parti oħra tal-pjanta**			
0640000	**Żerriegħa tal-Kawkaw**			
0650000	**Ħarrub**			
0700000	**ĦOPS**	0,05 (*)	0,05 (*)	**0,05** (*)
0800000	**ĦWAWAR**			
0810000	**Ħwawar taż-żerriegħa**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0810010	Ħlewwa			
0810020	Kemmun iswed			
0810030	Karfus			
0810040	Kosbor			
0810050	Kemmun			
0810060	Xibt			
0810070	Bużbież			
0810080	Fienu			
0810090	Noċemuskata			
0810990	Oħrajn (2)			
0820000	**Ħwawar tal-frott**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0820010	Bżar tal-Ġamajka/piment			
0820020	Bżar tas-Sichuan			
0820030	Karwija			
0820040	Kardamomu			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0820050	Frott tal-ġnibru			
0820060	Boċċi tal-bżar (suwed, ħodor u bojod)			
0820070	Vanilja			
0820080	Tamar tal-Indja/tamarindi			
0820990	Oħrajn (2)			
0830000	**Ħwawar tal-qoxra tas-siġar**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0830010	Kannella			
0830990	Oħrajn (2)			
0840000	**Ħwawar tal-għeruq u tar-riżomi**			
0840010	Għud is-sus	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0840020	Ġinġer (10)			
0840030	Żagħfran tal-Indja/kurkuma	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0840040	Għerq tal-mustarda (11)			
0840990	Oħrajn (2)	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0850000	**Ħwawar tal-blanzuni**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0850010	Imsiemer tal-qronfol			
0850020	Kappar			
0850990	Oħrajn (2)			
0860000	**Il-ħwawar ta' qalb il-fjura**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0860010	Żagħfran			
0860990	Oħrajn (2)			
0870000	**Ħwawar tal-aril**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
0870010	Il-qoxra ta' barra tan-noċemuskata			
0870990	Oħrajn (2)			
0900000	**PJANTI TAZ-ZOKKOR**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
0900010	Pitravi ħelu			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
0900020	Kannamieli			
0900030	Għeruq taċ-Ċikwejra			
0900990	Oħrajn (2)			
1000000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ANNIMALI TERRESTRI**			
1010000	**Prodotti bażiċi mill-affarijiet li ġejjin:**	0,01 (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)
1011000	(a) **mill-ħnieżer**			
1011010	Muskoli			
1011020	Xaħam			
1011030	Fwied			
1011040	Kliewi			
1011050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1011990	Oħrajn (2)			
1012000	(b) **mill-annimali bovini**			
1012010	Muskoli			
1012020	Xaħam			
1012030	Fwied			
1012040	Kliewi			
1012050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1012990	Oħrajn (2)			
1013000	(c) **min-nagħaġ**			
1013010	Muskoli			
1013020	Xaħam			
1013030	Fwied			
1013040	Kliewi			
1013050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1013990	Oħrajn (2)			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1014000	(d) **mill-mogħoż**			
1014010	Muskoli			
1014020	Xaħam			
1014030	Fwied			
1014040	Kliewi			
1014050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1014990	Oħrajn (2)			
1015000	(e) **mill-ekwini**			
1015010	Muskoli			
1015020	Xaħam			
1015030	Fwied			
1015040	Kliewi			
1015050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1015990	Oħrajn (2)			
1016000	(f) **mill-pollam**			
1016010	Muskoli			
1016020	Xaħam			
1016030	Fwied			
1016040	Kliewi			
1016050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1016990	Oħrajn (2)			
1017000	(g) **minn annimali terrestri mrobbijin oħrajn**			
1017010	Muskoli			
1017020	Xaħam			
1017030	Fwied			
1017040	Kliewi			

(1)	(2)	(3)	(4)	(5)
1017050	Ġewwieni li jittiekel (minbarra l-fwied u l-kliewi)			
1017990	Oħrajn (2)			
1020000	**Ħalib**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
1020010	Bhejjem tal-ifrat			
1020020	Nagħaġ			
1020030	Mogħoż			
1020040	Żwiemel			
1020990	Oħrajn (2)			
1030000	**Bajd tal-għasafar**	0,01 (*)	0,01 (*)	0,01 (*)
1030010	Tiġieġ			
1030020	Papri			
1030030	Wiżż			
1030040	Summien			
1030990	Oħrajn (2)			
1040000	**Għasel u prodotti oħrajn tal-apikultura (7)**	0,05 (*)	0,05 (*)	0,05 (*)
1050000	**Amfibji u Rettili**	0,01 (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)
1060000	**Annimali terrestri invertebrati**	0,01 (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)
1070000	**Annimali vertebrati terrestri slavaġ**	0,01 (*)	**0,01** (*)	0,01 (*)
1100000	**PRODOTTI LI JORIĠINAW MILL-ANNIMALI – ĦUT, PRODOTTI TAL-ĦUT U KULL PRODOTT TAL-IKEL TAL-BAĦAR JEW TAL-ILMA ĦELU IEĦOR (8)**			
1200000	**PRODOTTI JEW PARTIJIET MILL-PRODOTTI UŻATI BISS GĦALL-PRODUZZJONI TAL-GĦALF (8)**			
1300000	**PRODOTTI TAL-IKEL IPPROĊESSATI (9)**			

(*) Jindika l-limitu minimu ta' determinazzjoni analitika.
(a) Għal-lista shiha tal-prodotti li joriġinaw mill-pjanti u mill-annimali li għalihom japplikaw l-MRL, jenħtieġ li ssir referenza għall-Anness I.
(+) Kombinament ta' pestiċidi u prodotti li għalih teżisti nota f'qiegħ il-paġna. Il-lista tan-noti f'qiegħ il-paġna hija pprovduta hawn taħt.

Piridaben (F)
(F) Solubbli fix-xaħam

Tebufenpirad (F)
(F) Solubbli fix-xaħam"